PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2010/2211(INI)**

2.3.2011

# EMENDI
# 1 - 45

**Abbozz ta' opinjoni**
**Giovanni La Via**
(PE458.629v01-00)

dwar l-isfidi tal-politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013
(2010/2211(INI))



*Magħquda fid-diversità*

**Emenda 1**
**Marc Tarabella**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu ***importanti***, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; | 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu ***fundamentali***, minħabba r-rwol ***maġġuri*** tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea***, biex iżżomm il-kapaċita ta' produzzjoni tagħha fil-kuntest tat-tibdil fil-klima u l-pressjoni miżjuda fuq ir-riżorsi naturali***; |

Or. fr

**Emenda 2**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; | 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; ***jenfasizza l-importanza tad-dibattitu li jinsab għaddej dwar il-PAK il-ġdida,fid-dawl tar-rwol tal-agrikoltura bħala settr strateġiku fl-Unjoni Ewropea, u bħala element esssenzjali għas-sigurtà tal-ikel fil-livell dinji;*** |

Or. ro

**Emenda 3**
**Esther Herranz García, Gabriel Mato Adrover**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea***;*** | 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea***, li jiggarantixxi provvista tal-ikel għaċ-ċittadini Ewropej***; |

Or. es

**Emenda 4**
**Britta Reimers, George Lyon, Liam Aylward**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; | 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea***, partikolarment f'dak li jirrigwarda s-sigurtà tal-ikel***; |

Or. en

**Emenda 5**
**Daciana Octavia Sârbu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura | Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura |

| | |
|---|---|
| bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; | bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea ***għas-sigurtà tal-ikel***; |

Or. ro

**Emenda 6**
**Luís Paulo Alves**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; | 1. Iqis li d-dibattitu attwali dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida hu importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura ***u tal-iżvilupp rurali*** bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; |

Or. pt

**Emenda 7**
**Elisabeth Jeggle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 a. Jirrimarka li l-PAK hija l-unika politika Komunitarizzata tal-UE u f'dan ir-rigward tabilħaqq tikkostitwixxi valur miżjud Ewropew;*** |

Or. de

**Emenda 8**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 a. Jilqa' bi pjaċir l-inizjattivi emblematiċi enfasizzati fl-Istrateġija UE 2020; jitlob strateġija politika vasta għal ġejjieni kompetittiv, soċjali u sostenibbli tal-UE; jenfasizza li, biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE għas-sena 2020, l-inizjattivi emblematiċi tal-UE deskritti fl-istrateġija UE 2020 jeħtieġu appoġġ finanzjarju sod, kredibbli u sostenibbli min-naħa tal-UE;*** |

Or. ro

**Emenda 9**
**Marc Tarabella**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi ***fundamentali*** tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; *jindika* li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi ***inizjali essenzjali*** tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, ***iż-żamma tal-bijodiversità u*** l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; *jenfasizza* li ***l-PAK għandha valur soċjali billi lin-nisa tirrikonoxxilhom rwol fundamentali fiż-żamma ta' prospettivi ta' futur f'dak li jirrigwarda l-ħajja u l-prosperità fir-rġjuni rurali (fid-dawl tal-fatt li 41% tal-14.6 miljun ruħ li jaħdmu fl-agrikoltura tal-Unjoni Eeropea huma nisa) u*** li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; |

Or. fr

**Emenda 10**
**Esther Herranz García, Gabriel Mato Adrover**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi ***l-finanzjament xieraq*** għall-komunitajiet rurali; | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi ***appoġġ finanzjarju*** għall-komunitajiet rurali; |

Or. es

**Emenda 11**
**Marit Paulsen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id- | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art ***agrikola***, |

| | |
|---|---|
| depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; | id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; |

Or. sv

**Emenda 12**
**Rareș-Lucian Niculescu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; *jindika* li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; ***juri li l-PAK għandha rwol importanti għall-ilħiq tal-miri Ewropej fil-qasam tal-enerġija;*** *jenfasizza* li tiżvolġi wkoll parti kruċjali ***biex tevita l-iżbilanċi territorjali u*** fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; ***ifakkar li, f'ċerti żoni rurali żvantaġġati, l-agrikoltura tirrappreżenta l-unika attività ekonomika li dak li jkun jista' jagħmel;*** |

Or. ro

**Emenda 13**
**Herbert Dorfmann, Elisabeth Köstinger, Giancarlo Scottà**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur ***fl-UE***; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur***, partikolament fiż-żoni żvantaġġati u r-reġjuni muntanjużi tal-Unjoni***; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali***, partikolarment fir-reġjuni żvantaġġati,*** u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; |

Or. de

**Emenda 14**
**Martin Häusling, José Bovéf'isem il-Grupp Verts/ALE**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; ***jinsisti wkoll fuq il-fatt li fil-ġejjieni għandu jkun hemm żewġ fondi separati,*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiġifieri fond agrikolu u fond għall-iżvlupp rurali;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Luís Paulo Alves**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali***, u dan jikkostitwixxi prekundizzjoni sine qua non biex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli f'bosta reġjuni tal-Unjoni Ewropea***; |

Or. pt

**Emenda 16**
**Esther de Lange**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni | 2. Ifakkar li l-PAK, apparti l-objettivi fundamentali tagħha, għandha rwol multifunzjonali fil-provvista ta' beni |

| | |
|---|---|
| pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; | pubbliċi, bħall-protezzjoni ambjentali, il-produzzjoni alimentari ta' kwalità għolja, l-istandards għoljin għall-benessri tal-annimali, u fit-tiswir u t-titjib tad-diversità u l-kwalità ta' pajsaġġi ta' valur fl-UE; jindika li tiżvolġi wkoll parti kruċjali fil-ġlieda kontra l-abbandun tal-art, id-depopolazzjoni rurali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni rurali fl-UE billi tipprovdi l-finanzjament xieraq għall-komunitajiet rurali; ***jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni u tas-sostenibbiltà fl-agrikoltura Ewropea u l-kontribut importanti tagħhom għall-ilħiq tal-miri tal-Unjoni Ewropea;*** |

Or. nl

**Emenda 17**
**Marit Paulsen, Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Ifakkar li l-inizjattiva JEREMIE hija suċċess kbir li ppermettiet li aktar minn EUR 6 biljun jingħataw lill-SMEs, u jippropni li jitfassal mekkaniżmu finanzjarju simili, li jista' jissemma JERICHO (=Joint European Rural Investment CHOice), għall-programmi tal-iżvilupp rurali fil-qafas tal-perjodu ta' programmazzjoni li ġej;*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Elisabeth Jeggle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Jirrimarka li l-UE se jibqa' jkollha bżonn agrikoltura effikaċi wara l-2013; jiddefendi l-idea li s-sovranità tal-ikel għadha objettiv fundamentali tal-UE u li l-provvista dinjija tal-ikel tibqa' dmir politiku li jeħtieġ li jinqeda;*** |

Or. de

**Emenda 19**
**Béla Glattfelder**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Ifakkar li fid-deċennji li ġejjin, l-Unjoni Ewropea u l-bqija tad-dinja se jkollhom jilqgħu għal sfidi ġodda, bħalma huma s-sigurtà tal-ikel u n-nuqqasijiet tal-enerġija u tal-ilma; iqis li l-agrikoltura tista' tgħin biex ittaffi l-effetti negattivi possibbli ta' dawn il-problemi;*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Marc Tarabella**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li ***jitqiesu it-tipi*** varjati ta' agrikoltura li jitwettqu fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, ***waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi*** politika komuni | 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti***, għall-iżgurar tas-sigurta tal-ikel Ewropea u dinjija,*** li ***tkun inkoraġġita ż-żamma tat-tipi*** varjati ta' agrikoltura li jitwettqu fil-pajjiżi u t- |

| | |
|---|---|
| ***terġa' tiġi nnazzjonalizzata***; | territorji Ewropej***, filwaqt li tkun rifjutata kwalunkwe renazzjonalizzajoni tal-unika*** politika komuni ***integrata Ewropea***; |

Or. fr

**Emenda 21**
**Luís Paulo Alves**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu *it-tipi* varjati ta' agrikoltura ***li jitwettqu*** fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; | 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu *t-tipi* varjati ta' agrikoltura ***billi t-twettiq tagħhom isir possibbli*** fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; |

Or. pt

**Emenda 22**
**Martin Häusling, José Bovéf'isem il-Grupp Verts/ALE**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu *it-tipi* varjati ta' agrikoltura li jitwettqu fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; | 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu *t-tipi* varjati ta' agrikoltura li jitwettqu fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; ***jirrimarka li, biex ikun żgurat tqassim raġonevoli bejn l-Istati Membri, jeħtieġ li jkunu definiti kriterji oġġettivi li jqisu paritajiet tal-kapaċità ta' akkwist;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Daciana Octavia Sârbu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu *it-tipi* varjati ta' agrikoltura li jitwettqu fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; | 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu *t-tipi* varjati ta' agrikoltura li jitwettqu fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; ***jenfasizza li l-PAK il-ġdida jeħtiġilha tiggarantixxi tqassim ekwu bejn l-Istati Membri u fit-territorju ta' dawn tal-aħħar***; |

Or. ro

**Emenda 24**
**Czesław Adam Siekierski**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu it-tipi varjati ***ta' agrikoltura*** li *jitwettqu* fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; | 3. Jinnota li din hi l-ewwel riforma tal-PAK minn meta l-UE saret tinkludi 27 Stat Membru u li hu importanti li jitqiesu *t-tipi* varjati ***u l-livelli differenti ta' żvilupp tal-agrikoltura*** li *niltaqgħu magħhom* fil-pajjiżi u t-territorji Ewropej, waqt li jiġi evitat kull tentattiv biex dik li hi politika komuni terġa' tiġi nnazzjonalizzata; |

Or. pl

**Emenda 25**
**Elisabeth Jeggle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3 a. jinsisti fuq il-ħtieġa tal-implimentazzjoni mhux biss ta' skema ta' appoġġ dirett (l-ewwel pilastru) biex inħallu li fl-Ewropa titwettaq agrikoltura li tinfirex fuq ir-reġjuni kollha u biex niżguraw li l-bdiewa jkollhom mezzi ta' għajxien raġonevoli, imma wkoll programmi għall-promozzjoni taż-żoni rurali(it-tieni pilastru), partikolarment fil-livell tal-agrikoltura; jappoġġa tnaqqis tal-infiq amministrattiv (qabel xejn għall-kundizzjonalità) kif ukoll semplifikazzjoni tal-proċeduri, b'tali mod li l-bdiewa jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq ix-xogħol prinċipali tagħhom u jiksbu l-akbar sigurtà ta' pjanifikazzjoni possibbli;*** |

Or. de

**Emenda 26**
**Marc Tarabella**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas b'rata stabbli u se jkompli jonqos, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja ***l-politika ssaħħaħ is-sigurtà*** alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjiegi*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; | 4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas b'rata stabbli u se jkompli jonqos, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja ***tagħti kontribut essenzjali għas-sigurtà*** alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjieg*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; |

Or. fr

**Emenda 27**
**Béla Glattfelder**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Jinnota*** li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas ***b'rata stabbli u se jkompli jonqos***, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjiegi*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; | 4. ***Jiddeplora l-fatt*** li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas ***bla waqfien***, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjieg*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; |

Or. en

**Emenda 28**
**Esther Herranz García, Gabriel Mato Adrover**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas *b'rata stabbli* ***u se jkompli jonqos***, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjiegi*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; | 4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas *bla waqfien*, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjieg*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; |

Or. es

**Emenda 29**
**Michel Dantin**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas *b'rata stabbli* u se jkompli jonqos, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjiegi*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; | 4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas *bla waqfien* u se jkompli jonqos, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, ***u li l-agrikoltura*** tipprovdi 13.6 miljun *impjieg*, ***tikkostitwixxi l-bażi għall-5 miljun impjieg tal-industrija agroalimentari tal-UE,*** u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; |

Or. fr

**Emenda 30**
**Rareș-Lucian Niculescu**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas b'rata stabbli u se jkompli jonqos, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjiegi*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; | Jinnota li s-sehem tal-PAK tal-baġit totali tal-UE naqas b'rata stabbli u se jkompli jonqos, minn madwar 75% fl-1985 għal 39.3% sal-2013, ċifra li tirrappreżenta anqas minn 0.45% tal-PDG totali tal-UE, allavolja l-politika ssaħħaħ is-sigurtà alimentari għal 500 miljun Ewropew, tipprovdi 13.6 miljun *impjieg*, u direttament tħares u tmantni 47% tat-territorju sħiħ tal-Unjoni Ewropea; ***ifakkar li, wara okkażjonijiet suċċessivi ta' tkabbir tal-Unjoni Ewropea, il-medda tal-artijiet agrikoli kibret b'40%, u li l-għadd ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***bdiewa rdoppja mill-2004 'l hawn; jinnota li politika agrikola komuni aktar ekwa bejn l-Istati Membri tirrikjedi riżorsi baġitarji kbar;*** |

Or. ro

**Emenda 31**
**Marc Tarabella**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi żgurata valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas ***jinżamm oltre l-2013***; | 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi żgurata valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas ***ikun daqs dak allokat lilha fil-preżent, u li għandna bżonn PAK qawwija, leġittimata mill-ħtieġa li l-bdiewa tagħna jkollhom rimunerazzjoni ġusta u ekwa***; |

Or. fr

**Emenda 32**
**Marit Paulsen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi *żgurata* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid ***tal-anqas jinżamm*** oltre l-2013; | 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa***, fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020 jew f'dak ta' kwalunkwe proġett ieħor,*** u l-ħtieġa li jiġi *żgurat* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid ***jiġi rivedut*** oltre l-2013; |

Or. en

**Emenda 33**
**Czesław Adam Siekierski**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jikkunsidra li, ***minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi*** li l-politika agrikola ***hi rikjest***a tissodisfa ***u l-ħtieġa*** li jiġi *żgurata* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas jinżamm oltre l-2013; | 5. Jikkunsidra li, ***jekk dak li jkun iqis iż-żamma tal-objettivi kurrenti*** li l-politika agrikola ***jeħtiġilha*** tissodisfa ***filwaqt li l-ambitu tagħhom qed jitwessa' għal sensiela ta' sfidi ġodda, kif ukoll il-ħtieġa*** li jiġi *żgurata* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas jinżamm oltre l-2013; |

Or. pl

**Emenda 34**
**Vasilica Viorica Dăncilă**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi *żgurata* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas jinżamm oltre l-2013; | 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi *żgurat* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas jinżamm oltre l-2013; ***jenfasizza l-firxa wiesgħa ta' miri li l-politika agrikola jeħtiġilha tilħaq u l-ħtieġa li jkunu ggarantiti valur miżjud reali kif ukoll risposta għall-isfidi attwali f'dan il-qasam – it-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel, l-eżodu rurali, l-instabilità tal-prezzijiet; jitlob li s-sehem tal-baġit allokata għall-PAK jinżamm fl-istess livell jew jiżdied skont l-objettivi u l-prijoritajiet; iqis li d-dibattitu attwali dwar il-PAK il-ġdida*** |

***huwa importanti, minħabba r-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fl-Unjoni Ewropea; jenfasizza l-importanza tad-dibattitu li għaddej dwar il-PAK il-ġdida, fid-dawl tar-rwol tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fil-qafas tal-politiki Ewropej u bħala element essenzjali għas-sigurtà tal-ikel fil-livell dinji fil-perjodu lil hinn mill-2013;***

Or. ro

**Emenda 35**
**Martin Häusling, José Bové f'isem il-Grupp Verts/ALE**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi *żgurata* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas jinżamm oltre l-2013; | 5. Jikkunsidra li, minħabba l-firxa wiesgħa ta' objettivi li l-politika agrikola hi rikjesta tissodisfa u l-ħtieġa li jiġi *żgurat* valur miżjud reali, is-sehem tal-baġit allokat lill-politika agrikola tal-UE jrid tal-anqas jinżamm oltre l-2013; ***jirrimarka li l-prijorità għandha tmur fuq il-protezzjoni tal-klima, kif ukoll il-produzzjoni sostenibbli u t-tħassib soċjali, partikolarment f'dak li jirrigwarda s-sigurtà tal-ikel u s-sovranità għall-abitanti tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Britta Reimers, Marian Harkin, Liam Aylward**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 a. Jitlob titjib tal-koerenza tal-politika u*** |

***utilizzazzjoni aħjar tal-istrumenti eżistenti tal-politika tar-riċerka u tal-koeżjoni bil-għan li jitkattar l-investiment fis-settur agrikolu u fil-benessri tal-annimali bi rbit mar-riċerka u l-iżvilupp adatti għaż-żoni rurali;***

Or. en

**Emenda 37**
**Rareș-Lucian Niculescu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 a. Ifakkar li l-kriżi ekonomika reċenti kellha effett ħażin kbir fuq l-agrikoltura;*** |

Or. ro

**Emenda 38**
**Rareș-Lucian Niculescu**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5 b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 b. Jenfasizza li l-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel laħqu l-ogħla livell tagħhom f'dawn l-aħħar għoxrin sena; ifakkar li erba' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea huma fost l-Istati li l-aktar li huma vulnerabbli għal żidiet fil-prezzijiet tal-oġġetti tal-ikel; jenfasizza li l-agrikoltura hija l-uniku settur li kapaċi jilqa' għal din l-isfida;*** |

Or. ro

**Emenda 39**
**Rareș-Lucian Niculescu**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 5 c (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 c. Jisħaq li l-produtturi Ewropej jeħtiġilhom jilħqu l-istandards għoljin tal-Unjoni Ewropea, fuq kollox f'dak li jirrigwarda l-kwalità tal-prodotti, is-sikurezza tal-ikel, l-ambjent, il-leġiżlazzjoni soċjali u l-benessri tal-annimali; iqis li fin-nuqqas ta' riżorsi baġitarji adegwati għall-PAK, il-produtturi Ewropej mhux se jibqgħu fil-qagħda li jiżguraw l-ilħiq ta' dawn l-istandards;*** |

Or. ro

**Emenda 40**
**Rareș-Lucian Niculescu**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 5 d (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 d. Jirrimarka li l-UE ma waqfitx tirreġistra tkabbir tad-defiċit kummerċjali f'dak li jirrigwarda l-prodotti agrikoli u li tilfet sehem kbir tas-suq matul l-aħħar għaxar snin; jenfasizza li l-ekonomija Ewropea tħabbat wiċċha ma' dipendenza kbira rigward l-importazzjoni f'oqsma bħal dak tal-materja prima rikka fi proteina veġetali;*** |

Or. ro

**Emenda 41**
**George Lyon, Britta Reimers**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jikkunsidra li t-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali jrid jintgħażel b'tali mod li jippermetti implimentazzjoni xierqa u effikaċi tal-baġit li tkun kapaċi tikseb il-miri ta' Ewropa b'saħħitha ***u li hemm*** bżonn ta' grad għoli ta' flessibilità, ***minħabba l-isfidi*** mhux mistennija li l-PAK ċertament se jkollu jiffaċċja fil-ġejjieni; | 6. Jikkunsidra li t-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali jrid jintgħażel b'tali mod li jippermetti implimentazzjoni xierqa u effikaċi tal-baġit li tkun kapaċi tikseb il-miri ta' Ewropa b'saħħitha ***jirrikonoxxi wkoll li d-dixxiplina finanzjarja x'aktarx se titħaddem sal-2013, u dan se joħloq*** bżonn ta' grad għoli ta' flessibilità ***biex jintlaqa' b'effikaċja għall-isfidi*** mhux mistennija li l-PAK ċertament se jkollu jiffaċċja fil-ġejjieni; ***huwa tal-fehma li fil-baġit tal-UE għandha tkun provduta linja baġitarja ta' riserva speċifika li tkun tista' tiġi attivata bil-ħeffa, bħala strument ta' reazzjoni rapida fis-swieq agrikoli f'każijiet ta' kriżijiet gravi fil-ġejjieni;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Marc Tarabella**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jikkunsidra li t-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali jrid jintgħażel b'tali mod li jippermetti implimentazzjoni xierqa u effikaċi tal-baġit li tkun kapaċi tikseb il-miri ta' Ewropa b'saħħitha u li hemm bżonn ta' grad għoli ta' flessibilità, ***minħabba*** l-isfidi ***mhux mistennija*** li l-PAK ***ċertament se jkollu*** jiffaċċja ***fil-ġejjieni***; | 6. Jikkunsidra li t-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali jrid jintgħażel b'tali mod li jippermetti implimentazzjoni xierqa u effikaċi tal-baġit li tkun kapaċi tikseb il-miri ta' Ewropa b'saħħitha u li hemm bżonn ta' grad għoli ta' flessibilità, ***fid-dawl tal-isfidi l-ġodda*** li l-PAK ***diġà qed ikollu*** jiffaċċja; |

Or. fr

**Emenda 43**
**Luís Paulo Alves**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jemmen li, fid-dawl tal-esperjenza tal-imgħoddi, perjodi ta' programmazzjoni qosra jistgħu jiġġeneraw ineffiċjenzi f'dak li għandu x'jaqsam kemm mal-infiq, kif ukoll *mal-kisba* tal-għanijiet, u għaldaqstant jipproponi perjodu ta' mill-inqas seba' snin, sabiex il-problemi u l-iżbalji li nqalgħu jew li seħħew dan l-aħħar ma jiġux ripetuti; | 7. Jemmen li, fid-dawl tal-esperjenza tal-imgħoddi, perjodi ta' programmazzjoni qosra jistgħu jiġġeneraw ineffiċjenzi f'dak li għandu x'jaqsam kemm mal-infiq, kif ukoll *mal-ilħiq* tal-għanijiet, u għaldaqstant jipproponi perjodu ta' mill-inqas seba' snin, sabiex il-problemi u l-iżbalji li nqalgħu jew li seħħew dan l-aħħar ma jiġux ripetuti***, b'qafas stabbli li jistimula l-investimenti fil-qasam tal-agrikoltura***; |

Or. pt

**Emenda 44**
**Elisabeth Jeggle**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob biex jinżammu l-qafas finanzjarju pluriennali u l-istruttura baġitarja attwali sabiex ikun hemm il-garanzija ta' intestatura unika għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. | 8. Jitlob biex jinżammu l-qafas finanzjarju pluriennali u l-istruttura baġitarja attwali ***kif ukoll l-istruttura attwali tat-tieni pilastru tal-baġit agrikolu*** sabiex ikun hemm il-garanzija ta' intestatura unika għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. |

Or. de

**Emenda 45**
**Britta Reimers, Marian Harkin, Liam Aylward**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8 a. Jirrakkomanda li għall-ġejjieni, bħala prinċipju, il-livell ta' kofinanzjament tal-UE għandu jirrifletti l-valur miżjud tal-investimenti differenti magħmula fil-kuntest tal-programmi tal-iżvilupp rurali;*** |

Or. en